Raħal il-Letteratura Ir-Rabat

ĠUNJU 2021 | ĦARĠA 02

# IL-GAZZETTA LETTERARJA



## Bejn imxija u mixja: Il-passi li jmiss

**LEANNE ELLUL**

Issa donnu Raħal il-Letteratura qabad il-pass tiegħu. Jekk ngħidu mqar "Raħal" niftiehmu li qed nitkellmu fuq din l-inizjattiva u li din l-inizjattiva tiġri r-Rabat. Imma allura, fejn sejrin? Ġejjin u sejrin għand ir-Rabtin, fl-iskejjel bil-qari għat-tfal u ż-żgħażagħ, fid-djar bil-gazzetti, u fl-ispazji ta' kuljum. U issa jmiss it-toroq. Imiss li nimxu mixja letterarja fl-isqaqien u fit-trejqiet marbutin ma' awturi Rabtin, bħal Kilin u Ġużè Agius Bonello. Din mixja li tista' tagħmilha waħdek, tnejn tnejn, żewġ metri bogħod. Mixja tajba għall-imxija. U bejn pastizz, poeżija u żewġ passi nimirħu fi mkejjen ġodda qalb il-kotba. ■

# Jekk nieqaf u niskot

**L-EDITORJAL**

**CLARE AZZOPARDI**

JIĠU DRABI META NAQRA VERS MINN POEŻIJA U NKUN IRRIDU JIBQA' MIEGĦI. BĦAL DAN TA' CLAUDIA GAUCI, "IX-XEMX ŻELLĠET DAHARHA KOLLU MAS-SEMA". NIBDA NITTAMA LI MA JITLAQNIX/MA JITLAQLIX. U M'GĦANDUX JAĦRABLI, GĦAX DAN MHUX SEMPLIĊIMENT VERS, IMMA HUWA XBIEHA, RITRATT, STORJA – TAX-XEMX MARA LI ŻŻELLEĠ DAHARHA KOLLU MIKSI BL-ISFAR MAS-SEMA KAĦLANI. TGĦID QED JIEĦU GOST BIHA S-SEMA? X'AKTARX IVA, GĦAX KIEKU MA JĦALLIHIEX TINKIH.



© Giola Cassar

Huma dawn il-mumenti maqbudin fil-versi tal-poeżiji jew fil-paragrafi tal-istejjer li sirt infittex iktar spiss. Għax f'das-"seklu mgħaġġel" jekk ma niqafx u niskot, jekk ma niqafx u nara, nibża' li taħrabli storja (u magħha mitt elf storja oħra) jew ritratt, pupa, skultura ... u mbagħad ikun tard wisq.

Meta bgħatt ittre lil Nikola Madzirov biex ngħarrfu li se nippubblika poeżija tiegħu, feraħ li ftakart fih u f'kitbitu, imma fuq kollox feraħ għax kif qalli hu, "huwa importanti li ma nħallux id-dinja letterarja tiġi infettata hija wkoll. Speċjalment issa, fiż-żmien tal-pandemija."

Jaf kumbinazzjoni. Jaf le. Imma x-xogħlijiet kollha f'din l-edizzjoni, bil-vuċijiet u x-xbihat distinti tagħhom, jaċċennaw għall-fatt li l-ħajja mgħaġġla wisq u wisq aljenati n-nies. Dawn temi antikissimi li mill-ewwel jiħduni maġenb il-ħarruba x-xiħa ta' Rużar Briffa u nismagħha tistaqsini, "fejn huma sejrin dal-ħalja bnedmin?" Dan l-istess poplu li dejjem dejjem mgħaġġel u skont Jesmond Sharples huwa poplu "bi slip disk".

X'aktarx, mhux is-sinsla biss tlifna!

Ngħix jum wara l-ieħor fil-ferneżija ta' toroq griżi u mnittna, qalb bini għoli u bla forma, politika maħmuġa, kull xorta ta' bbuljar fuq iż-żgħar, fuq ix-xjuħ, fuq in-nisa, l-immigranti, l-ambjent ... u nispiċċa niġri wara l-iħirsa bħal dak il-"Kavallier baħnan" nipprova nirbħilhom. Naf li ma nistax u kważi kważi nkun nixtieq li bħal Lisa, fil-ktieb li rrakkomandatli ċ-ċkejkna Hannah Mae, nikseb poteri speċjali, insir supererojina, biex nirbaħ lill-bulijiet. Naf li forsi ma nistax. Imma almenu, naf ukoll li

*jekk nieqaf*
*jekk niskot*
*jekk nikteb*

insib l-istejjer ta' ġo fija u l-poeżiji ta' sħabi, ir-ritratti, il-pupi. Qegħdin hawn, miegħi, tiegħi tagħhom, tagħhom tiegħi. Lesti biex jisimgħuni u jkellmuni. Lesti biex jaqbduli jdejja u jiħduni … jiħduni …

U dawn mhux bħall-bnedmin.

Mhux se jistennewni mmut biex jibdew jemmnuni. ■

> *Ngħix jum wara l-ieħor fil-ferneżija ta' toroq griżi u mnittna, qalb bini għoli u bla forma, politika maħmuġa, kull xorta ta' bbuljar fuq iż-żgħar, fuq ix-xjuħ, fuq in-nisa, l-immigranti, l-ambjent ...*

# Xiħ Webbes Rasu

**SILTA MIN-NOVELLA F'*META ...* TA' PAWLU XUEREB**

*Tkompli minn ħarġa 01*

F'daqqa waħda għadd ta' tfal warajja jgħajtu: "Nannu xiħ bil-bastun!"

Ma ħsibtx li se ndur fuqhom u nvenven il-bastun lil min nolqot sultan?

Nibqa' għaddej. Fejn għandi mmur, immur.

Kultant idaħħquni xi nies. Għax jarawk xiħ, magħkus, b'xi ġlekk u qalziet imkemmex, jaħsbuk trux, belhieni u li twelidt wara l-muntanji.

L-aħħar li kont f'dipartiment tal-Gvern dħalt f'kamra u ħsibt li dħalt f'ħarem modern. Raġel wieħed u għadd ta' xbejbiet. It-tajba hi li mingħalihom għaddewni passata, tfajla tibgħatni għand oħra sakemm wasalt quddiem il-baxà! Allura, mingħalihom, billi tkellmu bl-Ingliż jien ma fhimthomx.

Il-baxà qalli: "Min bagħtek hawn, nann? Din il-karta tal-vot?"

Għidtlu: "Mela mhux hawn tivvota?"

Daħq kemm trid, tisfir kien jonqos.

Jien kont naf li dik kienet karta tar-reġistrazzjoni tal-vot, u vojta wkoll kienet, imma jien qbadt l-ewwel karta li sibt f'barmil, ridt nidħol f'dipartiment tal-Gvern biex nara xi jkun hemm, u użajtha bi skuża.

Lanqas ilħaqt spiċċajt minn dan il-ħsieb, żewġ xarabanks wara xulxin għaddejjin imlebbtin u għajjat u storbju kemm trid.

Waqaft naqra nkiss inkiss mal-ħajt. Għax għidt: "li ma jmorrux itajruni bi żball. Imma bi żball u mhux bi żball, la jkunu tajruni, tajruni."

Stennejt li t-tfal li kienu hemm, fuq ix-xarabanks jgħajtu: "Nannu xiħ … Nannu xiħ," bħas-soltu. Imma xejn minn dan. Jgħannu kienu u jgħannu baqgħu: "Xjuħ u żgħażagħ ħaddemin."

"Kif inhi din?" għidt f'qalbi. "Xjuħ u żgħażagħ! Dawn ħasbu tant fina li daħħluna u għaddewna magħhom?"

"X'razza ta' tfal ġodda dawn," għaddieli l-ħsieb minn moħħi. U bqajt sejjer fejn kont għamilt it-tir li mmur.

Ma lħaqtx imxejt żewġ passi li ma waqqfunix żewġt itfal. "Ħudilna biljett, nann," qaluli.

Mingħajr ma ridt naf x'biljett kien, bqajt għaddej. Flus għal-logħob m'għandix. Ara jien irnexxieli nġemma' ftit, ftit ferm flus f'ħajti, u naħbihom u kultant nixtri xi sigarru ta' Kuba, iniex se noqgħod naħli flusi f'hekk.

Veru li t-tabib qalli biex ma npejjipx minħabba l-pressjoni. Imma kieku kelli noqgħod fuq it-tabib niġi sew! La npejjep, la nixrob naqra nbid, la neċita ruħi, la hekk u lanqas hekk. Nieħu n-nifs biss u nħares lejn is-saqaf. ■

*... tkompli fil-ħarġa li jmiss*

# Lenti fuq Poeta: Ġużè Agius Bonello

**KIT AZZOPARDI**




Probabbli huma ħafna n-nies li messew b'xi mod mal-ħidma tal-Perit Ġużè Agius Bonello (1934-2018) minħabba l-kontribut li ta f'komunitajiet Rabtin differenti. Sena ilu, familtu ġabret u ppubblikat il-poeżiji u t-taqbiliet tiegħu bit-titlu *Poeżiji mir-Rabat tal-Imdina*. Kitbietu – bħall-kontribut tiegħu f'għaqdiet lokali u bħala perit – m'għandhomx jittieħdu bħala xogħlijiet distinti, imma bħala espressjoni waħda tad-devozzjoni Ġużeppina u ta' kulma hu Rabti.

Jekk f'idejn il-kritiċi, il-kitba kreattiva titkejjel skont is-siwi letterarju tagħha, f'idejn bosta Rabtin din il-ġabra se titkejjel skont is-siwi komunitarju tagħha billi jirrelataw ma' ġrajjiet, imkejjen, u tradizzjonijiet marbuta mar-Rabat, ma' dar-Raħal tal-Letteratura. F'dan is-sens, il-kitbiet ta' Agius Bonello huma dokument ta' stil ta' ħajja, ta' dak li huwa – essenzjalment – Rabti. ■

*Għal aktar tagħrif tista' tikteb lil Josette Agius Bonello fuq josette812@gmail.com*

# Ħajki Mxewka

**JESMOND SHARPLES**

1
Ixidd bla ħniena
jikber, jitrawwem max-xewk –
il-bajtar tajjeb.

2
Il-għasel ħelu.
In-naħal jaħdem qatigħ,
iż-żunżan ferħan.

3
Poplu bi slip disk.
Ix-xewka tad-dah'r therriet –
għafja l-valuri.

4
Pawlinu l-qsajjar
ilmenta l'għandu xewka –
il-lifgħa tigdem. ■



© Giola Cassar

# Qala

**CLAUDIA GAUCI**

Fettilli nitlaq nimxi
Sa fejn il-bużbież jisserdaq fi truf is-Simar
sa fejn it-tengħud tax-xagħri jitrekken kobba fil-blat
iħejji għal-lejl tiela' għalih bla ħoss minn isfel.
Ix-xemx żellġet daharha kollu mas-sema,
in-nifs jevapora jaħraq kif imiss mal-blat selvaġġ,
saqajja jtajru ż-żrar trab terra fuq il-kappar.
Ħdejn xagħri jħuf insett iżanżan qabli dil-mogħdija minn tarf sa tarf.
Twila t-triq lura –
farfett il-lejl imferfex jaqtagħli ħsieb fi tnejn,
fiż-żrar żbilanċ jilwili sieqi, ġuħ ikrah jiftaħni barriera.
Se nogħtor daqt maz-zokkor nieżel f'daqqa jtektek,
bħall-kliem iħabbat ġo rasi mbagħad jitlaqni waħdi fid-dlam
oħxon riesaq bi dritt spallti.

Sakemm tgħaddi l-merħla ta' Ġużi.

In-nagħġa s-sewda bl-abjad,
l-iżgħar waħda li tibqa' dejjem l-art,
timxi miegħi, kultant tħokk ġisimha sħun ma' sieqi,
tirgħa l-ħsieb li waqqajt mat-triq,
twassalni sal-bieb u t-twieqi koħol tad-dar
mistrieħa fix-xifer qed jiswied.

Fuq is-setaħ jaħsadni l-qamar –
nofs felli jimla t-triq, qisu ġugarell waqa' minn pjaneta oħra.
Ninsa x'jisimni fej' noqgħod
nirtab mal-arja tonda kristallina. ■

# Making Dolls in Rabat

**LORI SAUER**

This is how I came to Rabat.

A few years ago I was approached by Glen Calleja for some tuition on bookbinding. Over the years he has travelled to the UK for workshops and we have become friends. I am a bookbinder, living in England, and I regularly bind for the one of the six shortlisted authors of the Booker Prize (they are each given a special binding for making it on to the shortlist). My latest work was for Maaza Mengiste on her shortlisted novel, *The Shadow King*.

One day an invitation came from Glen to join him in a project to create dolls. Intrigued, I agreed. In fact, it's my second time in Rabat, the first was in 1976 as a student on an arts trip, visiting the old stones, Victor Passmore, Richard England and Gabriel Caruana. But that's another story.

This time I came to explore narratives – traditions and rituals, beginnings and bloodlines, all through the creation of sculptural figures. Working at Studio Solipsis, I shaped dolls out of my familiar bookbinding materials – paper, vellum and thread. Soon they started to form a family, all connected, related, and telling their own stories. They have the mood and presence of my binding designs and I see the dolls as distant cousins of my work on books.

Away from my English studio, I was able to leave the trappings of a space dedicated to binding where my daily thoughts revolve around how to best envelope narratives in empathetic wrappers. In Rabat, I had the freedom to develop my own visual narratives, without the constraints imposed when binding a book written by another. Making dolls has been a surprising and refreshing reversal in that I create an object first and only then does the tale it conceals come to light. ■



© Giola Cassar

*Il-wirja ta' pupi bl-isem SURA mtellgħa fi Spazju Kreattiv u kkurata minn Elyse Tonna. Il-proġett iddokumentat ukoll permezz ta' ktieb.*

---

***Kull sena Inizjamed torganizza l-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta u tistieden kittieba Maltin kif ukoll barranin biex jieħdu sehem fih. Marbut mal-Festival ikun hemm dejjem laboratorju ddedikat lit-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji. Waqt dan il-laboratorju jiltaqgħu l-kittieba kollha mistiedna għall-Festival, jiddiskutu u jittraduċu x-xogħlijiet ta' xulxin. Dawn huma tnejn mill-poeżiji tradotti.***

# Mgħaġġel das-Seklu

**NIKOLA MADZIROV**

***Maqluba mill-Maċedonu tramite l-Ingliż minn Nadia Mifsud***

Mgħaġġel das-seklu. Li kieku jien ir-riħ,
inqaxxar il-qoxra taz-zkuk tas-siġar
u l-faċċati tal-bini fi truf l-ibliet.

Li kieku jien deheb, jaħbuni fil-kantini,
fil-ħamrija ramlija u f'nofs il-ġugarelli mkissrin,
jinsewni l-missirijiet,
u wliedhom jibqgħu jiftakruni għal dejjem.

Li kieku jien kelb, ma nibżax
mir-refuġjati, li kieku jien il-qamar
ma nibżax mill-eżekuzzjonijiet.

Li kieku jien arloġġ imdendel,
naħbi x-xquq li hemm fil-ħajt.

Mgħaġġel das-seklu. Waqt terremoti ċkejknin nibqgħu ħajjin
billi nħarsu lejn is-sema, mhux lejn l-art.
Nifthu t-twieqi biex inħallu tidħol
l-arja ta' postijiet fejn qatt ma morna.
Il-gwerer ma jeżistux,
ġaladarba kuljum iweġġgħalna qalbna xi ħadd.
Mgħaġġel das-seklu.
Mgħaġġel iktar minn kelma.
Li kieku jien mejjet, kulħadd jemminni
meta nibqa' sieket. ■

# Il-Kavallier Baħnan

**ABDELREHMIN YOUSSEF**

***Maqluba mill-Għarbi tramite l-Ingliż minn Simone Galea***

Illistra! Kif nista' naqdik?
Issa ili niġri warajk it-triq kollha
b'mera fuq qalbi, għalik
nittama li tħares fija
imqar darba, bis-serjetà ...
biex tara l-wiċċ maħruq tal-verità.

L-entużjażmu rebaħlek;
bdejt tiġġieled battalja taparsi
mal-iħirsa li ma jara ħadd ħliefek!
U mort issalva l-prinċipessa
li kienet qed tidħaq bik mal-ħbieb tagħha
u int ħsibt li qed twerżaq għall-ajjut!

Nixtieqek tara kif kont tidher dakinhar
meta x-xita kienet imwaħħla mal-fdalijiet ta' xagħrek
u s-sadid kien qed jikollok it-tarka qadima
u ż-żiemel tiegħek kien qed imut f'dirgħajja, miskin
wara li ġegħeltu jiġri iktar milli jiflaħ.

Domt wisq
biex tifhem l-istorja …
u issa qed twaħħal fija!
Insejt li qtajtli lsieni
l-aħħar darba! ■

---

***Jean Paul Borg jirrakkomanda l-ktieb …***

**ERBGĦIN JUM TA' ANTOINE CASSAR**




*Erbgħin Jum* hu ġabra ta' erbgħin poeżija ta' Antoine Cassar. Kull poeżija hija meħjuta mal-oħra, u għalhekk l-arti tal-poeżija ntisġet man-narrazzjoni. Il-lingwa poetika, kultant bir-rima, kultant metaforika ddaħħlek fi plott. Se tqanqlek il-lingwa u se tterraq f'ħafna emozzjonijiet fi vjaġġ li min jaf għandux destin?

***Jean Paul Borg huwa l-kordinatur ta' Inizjamed***

---

***Charles Farrugia jirrakkomanda l-ktieb …***

**RED COATS AND WILD BIRDS: HOW MILITARY ORNITHOLOGISTS AND MIGRANT BIRDS SHAPED EMPIRE TA' KIRSTEN A. GREER**




Dan il-ktieb hu studju għal dottorat li għamlet Kirsten Greer u li fih telenka kif ornitoloġisti Ingliżi kienu jistudjaw il-passa tal-għasafar fil-Mediterran u fl-Imperu u jservu ta' pedina importanti fil-binja tal-Imperu Ingliż. B'mod partikolari fejn tidħol Malta, l-awtriċi titkellem dwar il-karriera ta' Andrew Leith Adams (1827-82) li beda jservi f'Malta mit-22 ta' Ġunju, 1860. Għalkemm il-ktieb hu wieħed akkademiku u li qed naqrah biex nikteb analiżi dwaru, hu wieħed mexxej u li tieħu gost taqrah. Dan aktar u aktar għaliex Kirsten Greer irriċerkat ukoll għalih fl-Arkivju Nazzjonali u kont strumentali bil-pariri tiegħi fir-riċerka li għamlet fil-passat.

***Charles Farrugia huwa l-Arkivista Nazzjonali u Kap Eżekuttiv tal-Arkivji Nazzjonali***




# Kif Issir Supereroj

**RIĊENSJONI TA’**
**HANNAH MAE GRUPPETTA**

Dan l-aħħar qrajt ktieb u nixtieq ngħidilkom ftit dwaru u l-ħsibijiet tiegħi. It-titlu ta’ dan il-ktieb huwa ‘Kif Issir Supereroj’. L-awturi huma Elias u Agnes Våhlund u t-traduttriċi hi Antoinette Borg.

Dan il-ktieb huwa dwar tifla li jisimha Lisa li tiġi bbuljata. Darba, meta kienet qed taħrab mill-bullies daħlet fil-librerija. Ġo din il-librerija Lisa ssib ktieb li jgħallimha ssir supereroj. Dan il-ktieb huwa verament interessanti għax huwa dwar xi ħaġa li tiġri ħafna mat-tfal u huwa dwar tifla li jirnexxilha ssib mod kif ma tiġix ibbuljata.

Il-karattru prinċipali ta’ dan il-ktieb hija Lisa. Lisa flimkien mal-librara simpatika huma l-karattri favoriti tiegħi.

Dan il-ktieb għoġobni immens u l-biċċa favorita tiegħi hija meta l-librara tħalli lil Lisa tieħu l-ktieb, avolja ma kienx jidher li huwa tal-librerija. Il-biċċa l-oħra hija meta Lisa tibda taqrah. Għoġobni wkoll kemm ħaditha bis-serjetà Lisa biex titgħallem il-poteri maġiċi. Dan jgħaddi messaġġ li jekk tipprova, dejjem jirnexxilek.

Dan il-ktieb nirrakkomandah lil sħabi u lit-tfal minn tmien snin ’il fuq. Nirrakkomandah għax jibgħat messaġġ importanti li qatt m’inti waħdek.

Dan il-ktieb nagħtih ħames stilel u jekk taqrah ċerta mija fil-mija li se jogħġbok immens. ■

*Poeżija rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ewwel gazzetta letterarja.*

POEŻIJA REBBIEĦA

# Ir-Rabat

**GIANLUCA FARRUGIA**

Ir-Rabat post fil-għoli,
hemm ġnien kbir fejn kont nilgħab noli.
Festa xitwija u l-oħra sajfija
mimlija kollha enerġija Rabtija.

Ir-Rabat bi storja kbira,
fejn joqgħod is-sinjur u anki l-fqira.
Man-nannu kont immur il-grotta
u ta’ kuljum kien jixtrili frotta.

Il-knisja ta’ San Pawl
kbira, sabiħa u b’ħafna dawl.
Saħansitra bażilika saret
wara ħafna ġranet. ■

## KOMPETIZZJONI

Il-ħajku huwa poeżija ta’ stil Ġappuniż, magħmul minn tliet versi. L-ewwel u t-tielet vers ta’ ħames sillabi, u t-tieni wieħed b’seba’ sillabi. Normalment, il-ħajku ma jkunx fih rima u jkollu volta (bidla fil-ħsieb) bejn it-tieni u t-tielet vers.

**Ikteb ħajku bil-Malti u ibagħtu fuq contact@maltalit.com sat-30 ta’ Ġunju 2021. Jistgħu jintbagħtu biss sa 3 ħajki kull wieħed.**

Flimkien mas-sottomissjoni għandhom jintbagħtu **isem il-parteċipanti, l-età tal-parteċipanti, l-isem tal-gwardjan jew tal-ġenitur u n-numru tal-mowbajl.**

Il-parteċipanti se jinqasmu f’kategoriji: dawk bejn 6-9 snin, dawk bejn 10-13-il sena u dawk bejn 14-16-il sena. Ir-rebbieħ/a ta’ kull kategorija jieħu/tieħu sett ta’ kotba mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

*Poeżija rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ewwel gazzetta letterarja.*

POEŻIJA REBBIEĦA

# Il-Pjazza tal-Parroċċa

**GIUSY ZAMMIT**

Fir-Rabat hawn ħafna postijiet xi żżur,
imma post wieħed nieħu gost immur.

Il-Pjazza tal-Parroċċa,
dejjem mimlija qisha qaqoċċa.

Il-pjazza tmur għal ħafna qadjiet,
kif ukoll biex tieħu xi kafè jew tejiet.

Faċċata hemm il-bażilika meta trid tista’ tmur quddiesa,
jew tieħu barka qaddisa.

Fis-sajf tkun mimlija turisti,
mhux biss fis-sajf imma ħafna iktar fl-istaġuni.

U f’Ġunju bil-mijiet,
mimlija b’ħafna okkażjonijiet.

Imżejna bl-istatwi għall-festa,
magħmulin mill-kartapesta.

Bħalissa fix-xitwa jkun il-bard u l-ksieħ,
imma xorta d-dwal tal-pjazza jkunu sbieħ. ■

**Raħal il-Letteratura** qed jittella’ minn Fondazzjoni HELA (Hub for Excellence in the Literary Arts) u huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti.

**L-imsieħba tal-proġett**

**Il-gazzetta appoġġjata minn**

**Kordinatriċi tal-proġett:** Leanne Ellul | **Editriċi tal-gazzetta:** Clare Azzopardi | **Membri tal-bord konsultattiv:** Clare Azzopardi, Leanne Ellul, Claudia Gauci, Jesmond Sharples
**Qarrejja tal-provi:** Claire Zerafa | **Fotografija:** Giola Cassar | **Disinn tal-logo u tal-gazzetta:** Naomi Gatt | **Stampar:** Poultons Ltd.
**Ħajr:** Glen Calleja, Francesca Monseigneur, Kirsty Azzopardi, Maria Muscat, Sephora Francalanza, Albert Gatt, Elizabeth Grech, Karsten Xuereb, David Muscat, Josette Agius Bonello

© Il-kontributuri | *Il-jeddijiet ta’ din il-gazzetta miżmuma minn Fondazzjoni HELA. Id-drittijiet tax-xogħlijiet li jidhru fil-gazzetta huma tal-awturi, tat-tradutturi jew tal-artisti nfushom. Din il-gazzetta qed titqassam bla ħlas bil-kundizzjoni li ma tinbiegħx u ma tiġix fotokopjata, la kif inhi u f’ebda għamla jew legatura oħra. Ma jista’ jsir ebda tibdil fiha. Ebda silta minnha ma tista’ tkun ippubblikata mill-ġdid jew maħruġa f’mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew irrekordjat jew b’xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-pubblikaturi, l-awturi, it-tradutturi u l-artisti.*

**Kuntatt ta’ HELA:** contact@maltalit.com | **Is-sit ta’ HELA:** www.maltalit.com | www.facebook.com/HELAMalta | www.instagram.com/helamalta